MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 589/2010

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili**

**-vs-**

**Joseph Abela**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-10 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata 18 ta' Ġunju 2001, l-intimat ġie ordnat sabiex jiżgombra minn 'Domestic Storage Room' illi hemm fi *block* ta' bini bl-isem ta' "Rundle Court" Triq il-Maħsel, St. Thomas Bay, proprjeta' tas-soċjeta' Mace Developments Limited, kopja ta' liema sentenza qiegħda tiġi hawn esebita u mmarkata Dok A;

2. Illi fis-sena 2007, Cornelius *sive* Maurice Scifo Diamantino, direttur tas-soċjeta' Mace Developments Limited, intebaħ illi ma setax jaċċedi aktar għal dina d-"Domestic Storage Room" peress illi kienet inbidlet is-serratura;

3. Illi, wara li ntalbet l-intervent tal-Pulizija, fis-16 ta' Mejju 2008 sar aċċess fuq il-post, illi fiha kien hemm preżenti Dr Vincent Raimondo, PS 329 Ruben Saliba, Mario Bonello u Christopher Spiteri u Cornelius *sive* Maurice Scifo Diamantino, u ġie nnutat illi "Domestic Storage Room" kien għadu qed jintuża minn Joseph Abela;

4. Illi, permezz ta' rikors datat 29 ta' April 2009, dana kollu nġieb a konjizzjoni tal-Ewel Onorabbli Qorti, kopja ta' liema rikors qiegħed jiġi hawn esebit u mmarkat bħala Dok B;

5. Illi, permezz ta' digriet datat 29 ta' April 2010, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jistitwixxi proċeduri għall-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti kontra l-intimat Joseph Abela;

6. Illi għalehkk kellu jsir dan ir-rikors

Għaldaqstant in vista tas-suespost, tgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. issib lill-intimat ħati ta' disprezz kontra l-awtorita' tagħha *ai termini* tal-Artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-intimat għall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin (€ 2,330) jew għall-multa u priġunerija flimkien;

3. timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimat *ai termini* tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimat;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat in subizzjoni, u bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Joseph Abela, ppreżentata fit-12 ta’ Lulju 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament l-inkompetenza *rationae materiae* ta’ din il-Qorti u dan *stante* illi s-sentenza li fuqha r-rikors promotur huma impernjat hija s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk, jekk kellhom jittieħdu xi proċeduri, dawn kellhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u mhux fil-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess u *in linea* sussidjarja, l-esponenti jiċħad enfatikament li huwa biddel is-serratura tad-*domestic storage room* li hemm referenza għaliha fir-rikors ġuramentat u *inoltre*, jekk ir-referenza għas-serratura hija tal-bieb ta’ barra tal-blokk l-esponenti wkoll jiċħad li huwa biddel is-serratura tal-istess jew li biddel iċ-ċavetta tal-istess bieb. Jekk xi ħadd żamm lil Mace Developments Limited milli jaċċedu għal *domestic storage room* ċertament ma kienx l-esponenti.

Illi fit-tielet lok, l-esponenti jiċħad li baqa’ juża l-istess post wara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-18 ta’ Ġunju 2001 u f’kull każ l-esponenti jiċħad li l-affarijiet indikati fir-ritratti annessi mar-rikors ġuramentat juru xi affarijiet li huma tal-esponenti.

Illi fil-fatt ta’ min jirrileva illi meta Cornelius *sive* Maurice Scifo Diamantino aċċeda fil-post in kwistjoni, fis-16 ta’ Mejju 2008 fil-preżenza tal-pulizija u ta’ Dr Vincent Raimondo, kienu l-lavranti tal-istess Scifo Diamantino li

eventwalment sakkru l-istess bieb b'ċavetta li kellhom f'idejhom, u dak il-ħin l-esponenti lanqas biss kien preżenti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' April 2011 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mressqa mill-attur wara li l-konvenut ġie ordnat jiżgombra mill-fond imsemmi fir-rikors permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan sar in segwitu għar-rikors mis-soċjeta' MACE Limited u d-digriet tal-Qorti illi ordnat li ssir din il-kawża.

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina"** (25 ta' Settembru 2003 – JRM) deċiza minn din il-Qorti diversament preseduta,

*Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaga. ... Kif jgħallem* ***Lord Denning****, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Ċivili,* ***"Edward Camilleri vs Carmelo Vella" –*** *7 ta' Ottubru 1997).*

Illi l-attur għalhekk fil-kawża m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – (**"Il-Qorti vs Camilleri"** Vol. LXXIV-iii-546).

Illi l-ewwel eċċezzjoni kif ġja' ngħad, hija fis-sens li din il-Qorti ma hijiex kompetenti li tisma' l-kawża billi *se mai* l-proċeduri ta' disprezz kellhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati peress li s-sentenza li fuqha hija impernjata din il-kawża hija appuntu dik.

Illi l-Qorti taqbel ma' dan. Ladarba l-attur qed jitlob kundanna għal disprezz tal-Qorti, hija l-Qorti illi qed jiġi allegat li nkisret l-ordni tagħha li kellha tiġi adita. Fil-fatt anke r-rikors tas-soċjeta Mace Limited fejn talbet li jittieħdu dawn il-proċeduri, korrettement sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u din il-Qorti ma tifhimx għala mbagħad din il-kawża ġiet intavolata quddiemha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------